# GEORGE AGIUS (14.11.1924-6.3.2009)



IL-PROFESSUR RAY MANGION
B.A. (Hons.) (Istitut Agostinjan), M.A. (Storja) (Melit.), LL.D. (Melit.), D.Phil. (Oxon.), M.O.M.



George Agius fiż-żgħożija tiegħu xprunat li jagħmel karriera għall-ġid u għall-wens ta' art twelidu (c) Adrian u Marika Agius

George Agius twieled Ħal Qormi, iben Ġiljan Agius u Antonia Chetcuti.

Huwa tgħammed minn Reverendu Alfredo Mizzi fil-Knisja Arċipretali ta' Ħal Qormi jumejn wara fis-16 ta' Novembru 1924.

Huwa ngħata l-ismijiet ta' 'Giorgius, Francescus Xaverius, Paulus, Laurentius, Vincentius'.

Missieru kien bejjiegħ il-pitrolju iżda kellu wkoll ħanut tal-inbid maġenb id-dar fi Triq il-Vitorja, Ħal Qormi. Ommu kienet mara tad-dar iżda kienet ukoll tgħin fit-tmexxija tan-negozju.

Huwa kien wieħed minn sitt aħwa li kienu magħrufin bħala 'Ta' Ġiljan' u li trabbew b'għożża reliġjuża tant li kellu ħuħ Patri Mikiel, Kappuċċin, u oħtu Marija li kienet attiva fl-Azzjoni Kattolika.

George rċieva l-edukazzjoni tiegħu fil-Kulleġġ De La Salle, fil-Birgu, u mbagħad bħala electrical fitter fit-Tiroċinju fi ħdan l-Iskola tad-Dokkjard.

Huwa ingaġġa mat-Tarzna taħt l-Ammiraljat fl-1941 u kien writer-on-duty fil-Main Electrical Shop fid-Dock No.1.

George kien sa miż-żgħożija tiegħu miġbud lejn it-Trejdunjoniżmu u l-Politika u sa mill-ġuvinturija tiegħu kien iħaddan l-ideoloġija tax-Xellug.

Huwa kien iffissat sa mill-bidu tal-ħajja pubblika tiegħu biex jissielet għat-titjib tal-proletarjat u tal-istandard of living u b'hekk il-ħaddiem Malti nġenerali jgawdi minn għajxien aktar diċenti.

George Agius issieħeb bħala membru tal-Moviment taż-Żgħażagħ tal-General Workers Union (GWU) matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Huwa kellu karriera fi ħdanha li kienet meteorika. Huwa beda bħala shop-steward, imbagħad Uffiċjal għall-Edukazzjoni u kien eventwalment elett fuq il-Kumitat Eżekettiv tas-sezzjoni tal-Ammiraljat, kif ukoll membru fuq il-Kunsill Nazzjonali tal-GWU.

George kien personalità distinta u prominenti ferm fl-istorja istituzzjonali, politika u trejdunjinistika fl-aħħar għaxar snin ta' ġrajjiet Malta bħala Kolonja-Fortizza (1814-1964), sewwasew fil-perjodu tal-pre-Indipendenza jew taż-żmien li fih il-partiti politiċi lokali saħqu fuq l-awto-determinazzjoni tal-ġens tagħhom permezz ta' politika ta' integrazzjoni totali mal-Ingilterra jew inkella indipendenza minnha.

George kien fuq quddiem nett fost il-personaġġi li spikkaw fil-qasam tagħhom mal-front li kien jappoġġja l-MLP meta l-Perit Dom Mintoff bħala Prim Ministru u f'isem il-Gvern Malti ressaq il-'Break with Britain Resolution' fl-1958.

George kien jifforma parti minn delegazzjonijiet importanti tal-GWU li kellhom diskussjonijiet f'Malta u f'Londra, fl-Ingilterra, sewwasew wara li l-Gvern Malti kisirha mal-Gvern Ingliż.

George kien wieħed mid-delegati li kellhom abbokkament ma' Duncan Sandys, iraġel ta' bint Sir Winston Churchill, li kien is-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji, rigward il-Memorandum dwar il-prospetti ta' impjiegi f'Malta ġaladarba l-Ingliżi jkunu telqu minn Malta.

George Agius kien wieħed mill-ewwel aggruppament ta' ġuvintur li ngħaqdu biex ħolqu soċjetà bil-għan li

*jkun ta' edukazzjoni* fost il-kategorija tagħhom dwar is-Soċjaliżmu ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

Infatti, huwa kien fl-ewwel Kumitat tal-Young Labour League f'Novembru 1947 u tal-Young Socialist League mal-bidla tal-isem sewwasew sena wara fl-1948.

George kien fi żmien strumentali bħala Ko-Fundatur tal-Għaqda Żgħażagħ Laburisti (Malta) fi ħdan il-Partit Laburista Malti (MLP) u kien membru *tal-Kummissjoni* li kellha l-għan li tfassal Statut li huwa stess imbotta u li kien approvat b'emendi minuri fl-ewwel laqgħa fl-14 ta' Jannar 1951.

George nħatar l-ewwel President tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Għaqda Żgħażagħ Laburisti (Malta).

George Agius wera sa minn ċkunitu l-kapaċità, id-dedikazzjoni u ż-żelu li jixxierek mal-MLP u biex *jiġġieled spalla ma' spalla* mal-mexxejja ewlenin fir-riorganizzazzjoni interna neċessarja u fil-battalji l-prinċipali l-kbar biex Malta tikseb il-ħelsien tagħha.

George kien involut attivament fil-Moviment Laburista u sab lilu nnifsu saħansitra fl-arena tal-politika billi nħatar Segretarju Ġenerali tal-MLP (1955-57).

Huwa ddeċieda li japprofondixxi iżjed l-għerf fit-Trejdunjoniżmu u fil-Politika billi *studja akkademikament* it-tematika konċernata f'waħda mill-aktar Universitajiet prestiġjużi. Infatti, huwa tħarreġ fi Plater College, Oxford (1957-59) mnejn huwa kiseb Diploma fix-Xjenza tal-Ekonomija u tal-Politika.

George Agius kien għadu fir-Renju Unit meta kien appuntat Assistent Segretarju Ġenerali tal-GWU permezz ta' sejħa għall-appikazzjoni. Huwa ġab 19 minn 26 vot *f'elezzjoni* li saret fit-28 ta' Diċembru 1958. Huwa assuma r-responsabiltà b'effett mis-sajf ta' wara.

George kellu meetings ma' żewġ membri tal-'Blood' Commission li żaret Malta fl-1961 biex ikollha dibatti mal-Gvern Malti u Instituzzjonijiet Governattivi in vista tat-tmiem tal-Ħakma tal-Kuruna f'Malta u tal-istabbiliment mill-ġdid tal-Assemblea Leġislattiva jew aħjar il-Leġislatura unikamerali, u tar-ritorn tat-tmexxija *politika* interna.

Huwa kellu wkoll dibattimenti ma' Edwards St John u Fred Hayday fit-18 ta' Ottubru u diversi sigħat ta' konversazzjoni tliet ġimgħat wara rispettivament fid-dar tal-Assistant General Manager tar-Rediffusion (Malta) Ltd. is-Sur Robert Stimson.

George Agius għamilha ċara ma' Edwards St John li bħala uffiċjal u attivist ewlieni mal-GWU ma kien bl-ebda mod assoċjat mat-tmexxija ta' Dom Mintoff u mal-ideali tal-MLP.

Huwa esprima t-tama li l-problema ta' Malta setgħet tissolva bis-saħħa ta' negozjati Anglo-Maltin imsejsin fuq ugwaljanza biex ir-rabtiet mal-Ingilterra, li ma kellhom l-ebda alternattiva, jibqgħu jkunu kultivati.

George Agius spjega lil Edwards St John li kien hemm fatturi storiċi li kienu *jissottolineaw il-kritika* li huwa u sħabu kienu għamlu tat-termini ta' referenza tal-Kummissjoni Blood u għar-rwol li kienet ingħatat u li kellha l-għan li twettaq kulma kien possibbli bit-tama biex tinstab soluzzjoni għat-talbiet.

George Agius kien dejjem lest li jiddefendi lill-"Perit" meta l-avversarji politiċi mbarkaw fuq propaganda sistematika u esaġerata li *tbeżża' lin-nies l-għan li* xxejjen lill-Mexxej tal-Partit Laburista bil-għan li timblukkah milli jirritorna fil-Gvern. George kien ammetta li l-Mexxej tal-MLP kien ċaqlaq l-Establishment u l-ġerarkiji u kien żera' apprensjonijiet fost bosta persuni. Madanakollu, George stqarr ripetutament li awtoritajiet fosthom il-Knisja kif ukoll ċirkostanzi u fatturi oħrajn fil-pajjiż inkluża l-Knisja kienu similment irreaġixxew bħalu kontra *l-introduzzjoni* ta' *Stat* Pulizjesk jew inkella kontra s-Saltna-ta'-Bniedem-Waħdu.

George Agius iffiser ukoll il-fehma ma' Fred Hayday li l-'Gvern Konservattiv' f'Malta kien ta' iżjed vantaġġ għall-Maltin milli kien il-Gvern Laburista billi l-ewwel wieħed kellu aktar għarfien tal-materja tad-difiża u diffikultajiet internazzjonali li kienu jinvolvu l-prestiġju Brittaniku filwaqt li t-tieni



George Agius waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala trejdunjinista ewlieni fil-pajjiż (c) Adrian u Marika Agius

wieħed kien aktar moħħu u iżjed preokkupat bi kwistjonijiet ta' ġewwa u bil-pressjonijiet li bihom kienu jgħabbuh it-trejdjunjins biex isolvu l-bżonnijiet u t-talbiet domestiċi.

George Agius tfisser minn Fred Hayday bħala uffiċjal trejdunjinista tabilħaqq talaffari tiegħu u ferm bilanċjat li kellu dehen tas-suġġett li għalih kien iddedika ħajtu kollha. George kien jifhem ferm dwar il-Lvant Nofsani skont l-istess Kummissarju li stqarr li kien impressjonat kemm it-trejdunjinista Malti kien bravu fuq dik il-parti tad-dinja.

George fil-kapaċità ta' Assistent Segretarju Ġenerali kien imdaħħal ukoll b'ruħu u b'ġismu f'żewġ diskussjonijiet ta' portata li delegazzjoni mill-GWU kellha ma' Duncan Sandys meta dan is-Segretarju Kolonjali bit-tim tiegħu għamel żjara f'Malta f'Ġunju tal-1963 fid-dawl li l-gżira fiż-żokra tal-Mediterran kellha tingħata rajha f'idejha mill-Ingilterra.

George influwenza l-Kap tal-Delegazzjoni Joe Attard Kingswell billi stqarr il-biża' tal-GWU li fil-każ li r-rekwiżiti tad-difiża baqgħu fuq quddiem nett fil-mira tal-kisbiet, Malta ma kienx jirnexxilha tiżviluppa ekonomija viabbli.

George baqa' jinsisti salaħħar li Malta kienet tinħtieġ ekonomija awto-suffiċjenti fil-provedimenti tal-impjiegi neċessarji għall-forza tax-xogħol kollha.

George Agius inħatar Segretarju Ġenerali tal-GWU fl-1971 u żamm il-kariga għal kważi 15-il sena sal-irtirar meta laħaq il-limitu tal-età fl-1985.

Huwa kien involut direttament, flimkien mal-Perit Dom Mintoff, f'żewġ avvenimenti uniċi.

L-ewwel nett, George kien ċentrali fir-rabta statutorja bejn il-GWU u l-MLP u kien kelliem kemm meta d-delegati tal-GWU resqu l-mozzjoni fil-15 ta' Jannar 1978 u kemm meta approvawha fil-21 ta' Mejju 1978, fiż-żewġ okkażjonijiet b'akklamazzjoni kbira.

Imbagħad, George kien vitali meta seħħet il-"fużjoni" bejn l-Għaqda Żgħażagħ Soċjalisti u l-Moviment taż-Żgħażagħ tal-GWU fit-29 ta' Settembru 1978 bħala sekwenza taż-"żwieġ" bejn l-MLP u l-GWU.

Imbagħad, huwa kien ir-rappreżentant tal-ħaddiema Maltin in ġenerali meta l-Ingliżi għalqu l-bażijiet militari f'Malta fil-31 ta' Marzu 1979.

George Agius kien wieħed mill-protagonisti prinċipali meta art twelidu, li kienet sa mill-Pre-Istorja taħt il-ħakma tal-barrani, kisbet il-Ħelsien għall-ewwel darba.

George ma setax ifisser l-emozzjonijiet li ħass, u wiċċu idda bil-ferħ, f'dak il-mument bla preċedent. Hu kien jaf sewwa kemm missirijietu u ommijietu kienu ssieltu u kemm kienu tqabdu. Dakinhar, huwa kien mikul bis-sentimenti li ħakmuh għal kisba li kienet tant mixtieqa u tant mistennija, seklu wara l-ieħor, mill-antenati Maltin ta' kull żmien.

Għaldaqstant, George naqqax ismu b'ittri tad-deheb fl-Annali tal-Istorja u fil-Memorja Kollettiva tal-Poplu li kien jagħmel minnhom.

George flimkien mal-Prim Ministru l-Perit Dom Mintoff xegħel it-Torċa tal-Ħelsien fuq l-Għolja tal-Ħelsien fil-Birgu (Vittoriosa) f'dik l-okkażjoni memorabbli.

George Agius kien membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Konfederazzjoni tat-Trejdunjins Ewropej (1972-76) kif ukoll Delegat tal-Ħaddiema fl-International Labour Conference f'Ġenevra.

George serva bħala Ambaxxatur ta' Malta għar-Repubblika Federali tal-Germanja f' Bonn (1977-78) u bħala Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Ġnus Magħquda fi New York, fl-Istati Uniti tal-Amerka (1985-87).

Huwa ta kontribut kbir bl-istatura qawwija u l-viżjoni wiesgħa fis-Servizz Diplomatiku. Huwa kien il-persuna li ta bidu għar-relazzjonijiet bilaterali mal-Gvern Tedesk fl-Istati Uniti tal-Amerka.



George Agius meta nħatar bħala Rappreżentant Permanenti ta' Malta Għall-Ġnus Magħquda (1985-87). Kortesija u Copyright UN Photo/ Milton Grant

George kellu involviment fil-fundazzjoni u fl-amministrazzjoni tas-Sezzjoni tal-Pensjonanti tal-GWU wara li rtira mis-Servizz Diplomatiku. Huwa dlonk ingħata l-kariga ta' President.

Qalbu kienet wisq marbuta mal-GWU u kien iħossu kommess li jipproċedi bl-attivitajiet tiegħu fi ħdan it-Trejdjunjin id f'id ma' Vincent Esposito fir-rwol ta' Segretarju.

Huwa poġġa fuq għadd ġmielu ta' Bordijiet Pubbliċi u Kumpaniji Sussidjarji tal-GWU kif ukoll fuq il-Kunsill Nazzjonali.

Huwa kien, bħala trejdunjinista ta' esperenzja twila, membru onorarju fuq il-Bord taċ-Ċentru għall-Iżvilupp u għall-Parteċipazzjoni tal-Ħaddiema fi ħdan il-Fakultà tal-Ekonomija, tal-Management kif ukoll tar-Raġunerija (aktar tard Centre for Labour Studies) fl-Università ta' Malta.

Huwa kien tassew għal qalbu f'dan iċ-Ċentru ta' riċerka u ta' taħriġ li nieda, fost l-oħrajn, l-ewwel kors li wassal għall-kisba ta' Diploma in Labour Studies.

George kien verament erudit u kien jaffaxxina bl-għerf u bil-kontribut tiegħu madwar il-medja.

Huwa kien jaqra avidament u kien iżomm lilu nnifsu aġġornat bl-aħbarijiet kurrenti.

Huwa kien iħobb jidli l-gazzetti ta' kuljum u anke abbonat fil-ġurnali barra- nin.

Huwa baqa' jsegwi l-bullettini ta' kronaka sal-aħħar, inklużi dawk trasmessi mill-British Broadcasting Services (BBC) u mill-Cable News Network (CNN), ukoll meta kien rikoverat fl-Isptar.

Hu kien dekorat bl-Ordni Nazzjonali tal-Meritu (M.O.M.) mill-President tar-Repubblika fl-1996. Barra minn hekk, huwa kien konferit bil-'Mertu San Ġwann' fl-2006.

George Agius ingħaqad fiż-żwieġ ma' Maria magħrufa bħala Marion Cachia, fil-preżenza ta' ħuħ Patri Mikiel, Kappuċċin, fil-Kappella ta' San Alwiġi f'Birkirkara fit-12 ta' Settembru 1963. Huwa kellu xhud lill-kollega trejdunjinista Joseph Attard Kingswell.



George Agius flimkien mal-Perit Dom Mintoff bit-Torċa tal-Ħelsien fuq l-Għolja tal-Ħelsien fid-data storiku u memorabbli tal-31 ta' Marzu 1979. Kortesija u Copright Times of Malta